**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 19 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 248/20 CZ**

**William Spiteri Bailey, Maria Micallef, George Gregory, Vladimiro Comodini, Conrad Borg, Joseph Ellul Falzon, Karen Spiteri Bailey, Timothy Zammit, Gordon Micallef, Bertrand Spiteri u Donald Schembri ilkoll shab fid-ditta RSM Malta**

**vs.**

**Edric Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi mressqa fit-22 t'Ottubru 2020, li biha premettiet li ghandha tithallas ammont dovut mill-konvent lill-atturi ghal servizzi professjonali, in konnessjoni ma' returns tal-VAT lilu rezi u dan kif rizultanti mill-istatement anness bhala Dok. A.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficcjali mahruga skond Artikolu 166A tal-Kap. 12 numerata 1255/20 u bl-imghax legali mit-12 ta' Gunju 2019, data tal-ahhar fattura sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ma prezentax risposta.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda ta' l-attur William Spiteri Bailey[1] li qal illi l-atturi kienu pprestaw servizz ta' accountancy lill-konvenut, senjatament ghal returns tal-VAT ghall-perjodu Settembru 2014 sa Novembru 2017, kif ukoll tax return ghas-sena ta' stima 1999 u ghas-snin ta' stima mill-2010 sal-2018. Qal ukoll illi l-konvenut kien beda jhallas, izda waqaf, u sal-lum l-ammont mitlub fil-kawza odjerna ghadu dovut. Ix-xhud ikkonferma wkoll l-istatement a fol. 3 tal-process u esebixxa l-letter of engagement, kif ukoll rendikont f'iktar dettal dwar dak dovut mill-konvenut.

Ra illi fis-seduta tal-lum l-atturi iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi u talbu sabiex it-Tribunal jaghti sentenza. Ra wkoll illi t-Tribunal laqa' t-talba.

Ra illi l-kawza giet posposta ghas-sentenza ghal-lum.

[1] Seduta tad-19 ta' Mejju 2021

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jitolbu hlasijiet ghal servizzi ta' accountancy rezi favur il-konvenut. Lill-konvenut baghtulu ammont ta' kontijiet, u l-konvenut kien beda jhallas, izda f'certu punt waqaf, u halla dovut il-bilanc reklamat fil-kawza odjerna.

Illi mix-xiehda u mid-dokumenti prezentati jirrizulta lit-Tribunal illi l-atturi verament prestaw is-servizzi taghhom lill-konvenut, u t-talbiet taghom jisthoqq li jintlaqghu.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-atturi, u jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, tmin mija u hamsa u tletin Euro (€1,835), bl-imghax mit-12 ta' Gunju 2019 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Susanna Fenech B.A.

Deputat Registratur